## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR RACHEL AQUILINA) V. KHALIL AL HUSSEIN (KI. 145487A)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**26/03/2024**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lill- Khalil Al Hussein** **Imwieled. Syria.10/9/1983.**
**ID.145487A** **Toqghod; 3 Sqaq Sciortino Nru.2, Zejtun.**

**BILLI int akkuzat** talli fit-18 ta`Marzu 2022 ghall habta ta 09.00Hrs fi Triq Tal-Barrani, Zejtun, u f`toroq ohra fl-istess inhawi, waqt li kont qed issuq vettura tal-ghamla `Mercedes Benz` bin-numru tar-registrazzjoni MTS111

(1). Soqt l-imsemmija vettura b`manjiera perikoluza.
(2). Soqt l-imsemmija vettura b`manjiera traskurata.
(3). Soqt l-imsemmija vettura b`manjiera bla kont.
(4). Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura f`Triq li hija regolata b`sinjali ta`dawl tat-traffiku ta`vetturi, nqast li tieqaf meta d-dawl kien qed jixghel kulur ahmar.
(5). Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura ghamilt `U Turn` f`post ipprojbt.
(6). Soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan.
(7). Soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kont kopert b`polza ta`assigurazzjonji dwar ir-riskji tat-terzi persuni.
(8). W`aktar bzaqt, xi sustanza jew nehhejt mahta mill-imnieher, jew hallejt jew iddepozitajt exkreta materjali tal-bniedem , inkluz vomtu, cioe ghamilt awrina ghal fuq it-triq jew f`post pubbliku.
(9). Ghamilt atti jew gesti oxxeni jew b`xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali Kap.9, offendejt l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika.
(10). Kif ukoll fl-istess data,hin,lok u cirkostanzi, nqast li tobdi l-ordnijiet legittmima tal-Pulizija, persuna nkrigata skond il ligi minn servizz pubbliku waqt il qadi ta`dmirijietu, jew ma hallejtx jew fixkiltu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b`xi mod iehor, bla jedd indhalt fi dmirijietu billi ma hallejtx lil haddiehor jghamel dak li b`ligi jkun ordnat jew jista jaghmel.

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PC 78 L. Grima, PC 81 L. Muscat u Stephen Cachia għan-nom ta' Transport Malta (*affidavit*).

Semgħet ix-xhieda ta' Stephen Cachia (Transport Malta) u tal-imputat li ġiet mogħtija fil-kawża **Il-Pulizija (Spettur Rachel Aquilina) v. Khalil Al Hussein (KI. 145487A)** illum stess li kienet in-numru 11 fuq il-lista tal-kawżi u dan wara li l-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża sabiex din ix-xhieda tkun tapplika ukoll *mutatis mutandi* bħala xhieda f'din il-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

1. Jirriżulta fost oħrajn mill-*affidavits* ta' **PC 78 L. Grima** u **PC 81 L. Muscat** illi fid-data, ħin u lok in kwistjoni huma raw lix-xufier tal-vettura tal-għamla Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni MTS-111 jagħmel *u-turn* minn Triq tal-Barrani direzzjoni lejn iż-Żejtun għal Triq tal-Barrani direzzjoni lejn Santa Luċija. Meta saqu warajh bid-dawl blu tal-vettura tagħhom mixgħul, huma raw lix-xufier jibqa' għaddej minn fuq *red traffic light.* Huma waqqfu lix-xufier ġewwa Triq Dawret it-Torri. Santa Luċija fejn dan ġie identifikat bħala l-imputat. Huwa ġie mgħarraf bid-drittijiet tiegħu skond il-liġi u rriżulta illi ma kellux liċenzja tas-sewqan Maltija u li filfatt kien għadu kemm għamel it-test tat-teorija. Sakemm ġie fuq il-post xufier ieħor bl-isem ta' Silvio Galea mibgħut minn sid il-vettura (ċertu Giuseppe Busuttil), l-imputat mar jagħmel l-awrina ma' ħajt wara siġra fil-viċinanza tal-uffiċjali stess u dan minkejja li kienu wissewh li ma setax jagħmel hekk fil-pubbliku.

*Kunsiderazzjoni*

*L-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet*

2. Fir-rigward tal-ewwel tlett imputazzjonijiet, dawk dwar sewqan b'manjiera perikoluża, b'manjiera traskurata u bla kont, l- Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) jipprovdi hekk:

**15. (1) Kull min -**

**(a) isuq vettura bil-mutur ... b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż,... ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena."**

Imbagħad l-Artikoli 15(2) u (3) jipprovdu illi:

**(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f 'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.**

**(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.**

3. Dwar il-provi ta' sewqan b'mod traskurat, bla kont u b'mod perikoluż, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet fis-sentenza mogħtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Alfred Mifsud**' illi:

"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat…sewqan bla kont hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta

ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi … sewqan perikoluz jirrekjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."

4. L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jirreferi għal sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. It-test Ingliż tal-liġi jirreferi għal sewqan "*in a reckless, negligent or dangerous manner*". Pero l-Artikolu 15(2) imbagħad jirreferi għal sewqan "bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż" filwaqt li t-test Ingliż tal-Art. 15(2) jirreferi għal sewqan "*in a reckless or dangerous manner*". Huwa evidenti għalhekk illi bil-kliem "*sewqan bi traskuraġni kbira*" fl-Artikolu 15(2) il-leġislatur ried ifisser "*sewqan bla kont*". L-iskwalifika iktar severa għal sewqan bla kont u sewqan perikoluż imposta fl-Artikolu 15(2) – b'differenza għal dik inqas severa għal sewqan traskurat imposta fl-Artikolu 15(3) – tirrifletti l-gravita' differenti illi l-leġislatur jattribwixxi għal dawn il-modi ta' sewqan.

5. Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v. Jason Scerri</u>**' (Qorti tal-Maġistrati Kumpilazzjoni Nru.: 1131/13 RM – deċiża 01/11/2018) il-Qorti qalet hekk:

> "Jinghad illi l-kuncett ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont ghalkemm mhux imfissra espressament fil-ligi taghna, huwa identifikabbli mal-kuncett ta' recklessness fil-ligi Ingliza fejn jinsab ritenut illi, sabiex jissussisti l-mens rea ta' recklessness, m'hijiex bizzejjed kondotta merament traskurata jew imprudenti izda wahda li timmanifesta non-kuranza totali ghar-riskji li johloq. Fil-kaz Quinn vs. Cunningham, Lord Justice-General Clyde fisser li sabiex tip ta' kondotta jikkwalifika bhala reckless jehtieg li jigi identifikat:- "… an utter disregard of what the consequences of the act in question may be in so far as the public are concerned."
>
> Il-Blackstone jaghmel referenza ghall-CPS Policy for prosecuting cases of bad driving biex ifisser mil-lenti tal-ligi Ingliza, x'tip ta' sewqan jista' jitqies b'success ghall-finijiet ta' imputazzjoni ta' sewqan perikoluz:- "… racing or competitive driving; speed which is highly inappropriate for the prevailing road or traffic conditions; aggressive driving, such as sudden lane changes, cutting into a line of vehicles or driving much too close to the vehicle in front; disregard of traffic lights and other road signs, which, on an objective analysis, would appear to be deliberate; disregard of warnings from fellow passengers; overtaking that could not have been carried out safely; driving a

vehicle with a load that presents a danger to other road users; where the driver is suffering from impaired ability such as having an arm or leg in plaster, or impaired eyesight; driving when too tired to stay awake; driving a vehicle knowing it has a dangerous defect; … … … or similar, in circumstances where the driver was avoidably and dangerously distracted by that."

Ferm il-konsiderazzjonijiet appena rapportati, huwa evidenti li d-differenza bejn l-addebitu tas-sewqan perikoluz u s-sewqan bla kont hija wahda ta' grad fejn, biex ir-recklessness manifestata fis-sewqan tilhaq il-grad ta' sewqan perikoluz, il-kondotta ghandha ggib maghha perikolu ghas-sigurta` tal-pubbliku u/jew proprjeta`. Infatti, jigi osservat ghall-finijiet ta' piena l-legislatur taghna pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa."

6. Mill-provi jirriżulta lill-Qorti illi l-imputat wettaq manuvra illegali meta fid-disgħa ta' filgħodu għamel *u-turn* minn Triq tal-Barrani direzzjoni lejn iż-Żejtun għal Triq tal-Barrani direzzjoni lejn Santa Luċija, filwaqt li sussegwentement għamel manuvra illegali oħra meta naqas milli jieqaf meta d-dwal tat-*traffic lights* kienu ħomor. Dan l-aġir jikkonsisti minimament fi ksur tar-regolamenti tat-traffiku u fir-reati ravviżati fir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet.

7. Għalkemm wieħed jista' jassumi li l-aġir tal-imputat fi triq maġġuri bħal ma hi Triq tal-Barrani, kien wieħed perikoluż, ma tressqet l-ebda prova illi s-sewqan tal-imputat effettivament kien ta' periklu għal terzi u għalhekk l-ewwel imputazzjoni ma tirriżultax. Il-Qorti temmen fiċ-ċirkustanzi illi għalkemm jistgħu saħansitra jeżistu l-estremi tas-sewqan b'nuqqas ta' kont (it-tielet imputazzjoni), madanakollu minimament jirriżulta ppruvat is-sewqan b'mod traskurat. Għalhekk il-Qorti sejra ssib ħtija tal-imputat għat-tieni imputazzjoni (flimkien mar-raba' u l-ħames waħda) iżda ser tilliberaħ mill-ewwel u t-tielet waħda.

*Is-sitt imputazzjoni*

8. Mill-affidavit ta' **<u>Stephen Cachia</u>** in rappreżentanza ta' Transport Malta rriżulta fost affarijiet oħra illi fid-data in kwistjoni l-imputat ma kellu l-ebda kategorija ta' liċenzja

tas-sewqan Maltija u filfatt ottjena tali liċenzja fil-11 ta' Mejju 2022. Għalhekk fid-data tal-allegat reati huwa ma kellux liċenzja tas-sewqan Maltija.

9. Fis-seduta tal-lum 26 ta' Marzu 2024 il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża sabiex ix-xhieda mogħtija minn Stephen Cachia (Transport Malta) u l-imputat fil-kawża **Il-Pulizija (Spettur Rachel Aquilina) v. Khalil Al Hussein (KI. 145487A)** illum stess li kienet in-numru 11 fuq il-lista tal-kawżi, tkun tapplika *mutatis mutandi* ukoll bħala xhieda f'din il-kawża.

10. Bħala parti mix-xhieda tiegħu l-imputat esebixxa kopja ta' liċenzja tas-sewqan bl-isem "*Universal Driving License*" maħruġa mill-awtoritajiet Sirjani kif ukoll dak li jidher hija traduzzjoni tal-istess liċenzja. Esebixxa ukoll kopja ta' polza ta' assigurazzjoni maħruġa minn Mapfre Middlesea Insurance plc lill-*policyholder* ċertu Giuseppe Busuttil illi minnha jirriżulta fost oħrajn illi fid-data tal-allegat akkadut, fir-rigward tal-użu tal-vettura in kwistjoni mill-*policyholder* Giuseppe Busuttil u kwalsiasi xufier ta' 25 sena jew aktar (li jsuqu bil-permess tal-*policyholder*) kien hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni maħruġa mill-istess kumpanija li *inter alia* tkopri r-riskji għal terzi persuni.

11. Jirriżulta b'mod ċar mill-provi mressqa illi l-imputat ma kellux liċenzja tas-sewqan Maltija fid-data tal-allegat reati. Fis-sew il-Qorti tosserva illi dak li tipprojbixxi l-liġi fl-artikolu ċitat mill-Prosekuzzjoni (Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65) mhuwiex dak li persuna jsuq mingħajr liċenzja tas-sewqan **<u>Maltija</u>** iżda dak li jsuq mingħajr liċenzja tas-sewqan. Il-qorti però mhijiex marbuta mal-artiklu tal-liġi speċifiku li jogħġobha tindika l-Prosekuzzjoni fl-att tal-komparixxi u f'dan ir-rigward hija tagħmel riferenza għal dik il-liġi speċifika illi tipprovdi fid-dettal dwar liema liċenzji tas-sewqan huma validi sabiex jintużaw f'Malta għas-sewqan tal-vetturi bil-mutur, ċioe għall-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 (Regolamenti Dwar Liċenzi Għas-Sewqan Ta' Vetturi Bil-Mutur).

12. L-Art. 3(1) ta' dawn ir-Regolamenti jipprovdi illi:

**‘3.(1) Ebda persuna ma tista’ ssuq vettura bil-mutur elenkata fl-Ewwel Skeda fi triq pubblika sakemm dik il-persuna ma jkollhiex liċenzja tas-sewqan valida jew permess għal min ikun qiegħed jitgħallem maħruġ mill-Awtorità jew liċenzja tas-sewqan valida maħruġa minn xi awtorità kompetenti f’pajjiż ieħor.’**

13. L-Art. 2(1) tal-istess Regolamenti jipprovdi illi:

**"liċenzja tas-sewqan valida" tfisser liċenzja tas-sewqan maħruġa jew mill-Awtorità, skond id-dispożizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti, jew maħruġa minn pajjiż ieħor li jkun rikonoxxut mill-Awtorità, u sakemm dik il-liċenzja –**
**(a) ma tkunx ġiet sospiża, meħuda lura jew kanċellata,**
**(b) tkopri l-kategorija tal-vettura li tkun qed tinsaq, u**
**(ċ) tkun użata mill-possessur tagħha skond xi kundizzjonijiet li jkun hemm fil-liċenzja tas-sewqan.’**

14. Għalhekk biex il-liċenzja tas-sewqan li jipprovdi għaliha l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta’ Malta tkun valida jeħtieġ *inter alia*[1] illi:

i. din tkun maħruġa minn Transport Malta, jew
ii. din tkun maħruġa minn xi awtorità kompetenti f’pajjiż ieħor.

15. L-Art. 6 tal-istess Regolamenti jagħmilha ċar illi liċenzji tas-sewqan maħruġa minn Stati Membri huma rikonoxxuti f’Malta. Fil-każ in eżami l-imputat għoġbu jesebixxi kopja ta’ liċenzja tas-sewqan bl-isem “*Universal Driving License*” maħruġa mill-awtoritajiet Sirjani kif ukoll dak li jidher hija traduzzjoni tal-istess liċenzja. Mid-diċitura Ġħarbija li tidher fuq il-parti ta’ wara tal-liċenzja (it-tielet faċċata ta’ Dok KH1) hemm indikat illi l-liċenzja tagħti lid-detentur tagħha d-dritt li jsuq kull tip ta’ vetturi tat-turisti, *minibuses*,

[1] B’*inter alia* jfisser illi hemm numru ta’ kundizzjonijiet oħra li joħorġu mill-istess liġi li jridu jiġu sodisfatti biex jitqies illi liċenzja tas-sewqan tkun waħda valida, kif elenkat fl-Art. 2(1) fid-definizzjoni ta’ liċenzja tas-sewqan valida.

vetturi tat-tagħbija, *semi-trailers* u *trailers.* M'huwiex il-każ, kif hemm indikat f'dik li tidher li hija traduzzjoni tal-istess liċenzja (l-ewwel faċċata ta' Dok KH1) illi d-detentur jista' jsuq "*all kinds of vehicles".* M'huwiex ċar jekk dik il-liċenzja tagħtix id-dritt lid-detentur tagħha illi jsuq vettura tal-passiġġieri tat-tip allegatament misjuqa mill-imputat (kategorija M1). Però din il-kwistjoni hija irrilevanti fid-dawl ta' dak li ser jintqal fil-paragrafi sussegwenti.

16. Fir-rigward ta' liċenzji tas-sewqan maħruġa minn awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi li ma jkunux Stati Membri, l-Art. 5 tar-Regolamenti jipprovdi kif ġej:

> **'5. Id-detentur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn awtorità kompetenti f'pajjiż terz jista' jsuq f'Malta, għal perjodu li ma jkunx iżjed minn tnax-il xahar mid-data minn meta huwa jkun daħal l-aħħar f'Malta, kull klassi jew deskrizzjoni ta' vettura koperta mil-liċenzja tas-sewqan maħruġa lilu mill-awtorità kompetenti f'dak il-pajjiż terz:**
>
> **Iżda d-detentur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn awtorità kompetenti f'pajjiż terz ma jkunx jista' jsuq vetturi fil-kategoriji ta' liċenzja C1, C1E, C, CE, D1, D1E, D, DE jew f jekk dik il-persuna ma jkollhiex ukoll ċertifikat ta' kompetenza professjonali maħruġ skond ir-regolament 29 jew jekk dik il-persuna ma tkunx sewwieq eżentat skond ir-regolament 28.'**

17. Mela biex liċenzja tas-sewqan maħruġa minn awtorità kompetenti f'pajjiż terz tkun tista' tintuża għas-sewqan f'Malta jeħtieġ *inter alia* illi l-pussessur tagħha ma jkunx ilu Malta għal iżjed minn tnax-il xahar. F'dan il-każ ma tressqet l-ebda prova kuntrarja mill-imputat fis-sens illi huwa kien Malta għal inqas minn 12-il xahar qabel ma twaqqaf u anzi matul ix-xhieda tiegħu kkonferma illi kien f'pajjiżna għal ferm iktar minn dak il-perjodu.

18. Għalhekk din is-sitt imputazzjoni tirriżulta ppruvata.

*Is-seba' imputazzjoni*

19. Dwar is-seba' imputazzjoni, dik li kien qiegħed isuq mingħajr ma kien hemm fis-seħħ għall-użu ta' dik il-vettura minnu, polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, l-Art. 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni) jipprovdi illi:

> **'3 (1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)'**

20. Kif ġa ngħad, fix-xhieda tiegħu l-imputat esebixxa *inter alia* kopja ta' polza ta' assigurazzjoni maħruġa minn Mapfre Middlesea Insurance plc lill-*policyholder* ċertu Giuseppe Busuttil illi minnha jirriżulta fost oħrajn illi fid-data tal-allegat akkadut, fir-rigward tal-użu tal-vettura in kwistjoni mill-*policyholder* Giuseppe Busuttil u kwalsiasi xufier ta' 25 sena jew aktar (li jsuqu bil-permess tal-*policyholder*) kien hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni maħruġa mill-istess kumpanija li *inter alia* tkopri r-riskji għal terzi persuni.

21. Il-Prosekuzzjoni madanakollu xliet lill-imputat b'dan ir-reat minħabba l-fatt illi huwa ma kienx qiegħed isuq b'liċenzja tas-sewqan valida billi dik maħruġa mill-awtoritajiet Sirjani ma kienetx tintitolah isuq biha f'pajjiżna. L-imputat stess inoltre informa lill-uffiċjali tal-Pulizija li waqqfuh li huwa kien għadu kemm għamel it-test tat-*teorija.*

22. Il-posizzjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta għal numru ta' snin kienet dik illi għall-finijiet tal-Art. 3(1) tal-Kap. 104, ma' tagħmilx differenza jekk min kien qiegħed juża l-vettura għandux liċenzja tas-sewqan jew le[2], għandux inqas minn 25 sena jew le, jew jekk huwiex b'xi mod eskluż mill-kopertura tal-polza jew le, darba jirriżulta illi ikun hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni tal-vettura u dan għaliex it-terz ikun dejjem protett u

[2] Naturalment dan ikun reat separat suġġett għal proċeduri kriminali diversi!

għalhekk f'dak il-każ ir-reat ravviżat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 ma' jissustix[3] u semmai il-kwistjoni kienet tirrisolvi ruħha f'waħda ta' natura ċivili iżjed minn dik kriminali.

23. Bis-sentenzi riċenti u studjati tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) u ċioe dawk mogħtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mohamad Knaan (Appell Numru: 479 / 2022 CSH, 7 ta' Frar 2023)** u **Il-Pulizija v. Xemizin McKay (Appell Numru 423/2022 EG, 24 ta' Mejju 2023)**, il-pożizzjoni li ttieħdet hija waħda differenti u dan fis-sens illi kwalunkwe persuna li jkun qed jiffaċċja din l-imputazzjoni irid attivament jipprova (għaliex l-oneru huwa fuqu li jagħmel hekk skond l-Art. 3(1A) tal-Kap. 104) illi huwa kien personalment kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura altrimenti ikun ħati tar-reat ipotizzat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104. Hekk per eżempju huwa fatt magħruf illi l-kundizzjonijiet tal-poloz ta' diversi kumpaniji tal-assigurazzjoni tas-sewqan f'pajjiżna jkopru lis-sewwieq li ma jkunx fil-pussess ta' liċenzja tas-sewqan **jekk dan kellu waħda fil-passat u ma jkunx ġie skwalifikat milli jżommha** jew sewwieq li ma jkunx qed isuq vettura li jkollha l-liċenzja tat-triq skaduta. Għalhekk jekk l-imputat jtella' rappreżentant tal-kumpanija tal-assigurazzjoni sabiex jikkonferma illi nonostante dak allegat mill-Prosekuzzjoni huwa xorta waħda mhuwiex meqjus eskluż mill-kopertura tal-polza in kwistjoni, huwa ikun issodisfa l-oneru impost fuqu mill-Art. 3(1A) tal-Kap. 104.

24. Din il-Qorti, għalkemm mhijiex marbuta illi ssegwi kwalsiasi linja ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell, tqis li jkun għaqli u fl-interess tal-ġustizzja li jkun hemm uniformita' fis-sentenzi u għalhekk hija tara li għandha ssegwi ukoll u tagħmel tagħha l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fuq din il-materja.

25. Issa f'din il-kawża jirriżulta illi fid-data tal-allegat reat l-imputat ma kellux liċenzja tas-sewqan valida u ma jirriżultax illi ressaq xi prova li turi li huwa xorta waħda kien kopert

---

[3] Din hija posizzjoni li ġiet abbraċjata ukoll mill-Qrati tagħna f'diversi istanzi fil-passat inkluż per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Emanuel Zarb** (App. Nru. 329:2010:MM, 26 ta' Marzu, 2015)

taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa lilu. Din is-seba' imputazzjoni għalhekk tirriżulta li ġiet ippruvata.

*It-tmien, id-disa' u l-għaxar imputazzjonijiet*

26. Dawn it-tlett imputazzjonijiet huma marbuta mal-allegazzjoni illi filwaqt li l-imputat kien ħdejn l-uffiċjali tal-Pulizija, li kienu qed jistennew sakemm jiġi persuna jneħħi l-vettura li kienet qed tiġi misjuqa mill-imputat, dan mar jagħmel l-awrina ma' ħajt wara siġra fil-viċinanza tal-uffiċjali stess u dan minkejja li kienu wissewh li ma setax jagħmel hekk fil-pubbliku. Din l-allegazzjoni ġiet ippruvata mill-affidavits tal-Pulizija u l-unika difiża li seta' joffri l-imputat kienet dik illi huwa kellu ta' bilfors jaqdi l-bżonnijiet naturali tiegħu. Il-Qorti tqis illi f'ċirkustanzi bħal dawn, bniedem matur, f'sensih u li jirrispetta l-awtorità tal-Pulizija ma jwettaqx dawn il-ħniżrijiet fil-pubbliku u għalhekk dawn it-tlett imputazzjonijiet lkoll huma ppruvati sal-grad rikjest mill-liġi.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65, (sewqan b'mod traskurat), l-Art. 125(2)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, l-Art. 15J tal-Kap. 65, l-Art 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05 (Parti II, A (c) tal-Iskeda), l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65, (sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan valida), l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, l-Art. 338(bb), l-Art. 338 (ee) tal-Kap. 9 u l-Art. 4 (Reg. 4(e) tal-Iskeda) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40, issib lill-imputat ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah iħallas multa fl-ammont totali ta' elfejn u sitt mitt euro (€ 2,600). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u sittax-il ġurnata.**

**V.G. Axiak** | **Y.M. Pace**
**Maġistrat** | **Dep. Reġistratur**